SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

5 ta' Diċembru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Akkordji – Artikolu 101(1) TFUE – Ftehimiet vertikali – Restrizzjoni 'minħabba l-effett' – Ftehim li jipprevedi limitazzjonijiet fuq il-garanzija tal-vetturi bil-mutur – Obbligu għall-awtorità tal-kompetizzjoni li turi l-effetti antikompetittivi – Effetti reali u effetti potenzjali"

Fil-Kawża C-606/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, Il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Ottubru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Ottubru 2023, fil-proċedura

"**Tallinna Kaubamaja Grupp**" AS,

"**KIA Auto**" AS

vs

Konkurences padome,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn D. Gratsias, President tal-Awla, I. Jarukaitis, President tar-Raba' Awla, u Z. Csehi (Relatur), Imħallef,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal "Tallinna Kaubamaja Grupp" AS u "KIA Auto" AS, minn I. Azanda, advokāte,

– għall-Gvern Latvjan, minn J. Davidoviča u K. Pommere, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn L. Aguilera Ruiz, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Berghe, I. Naglis u D. Viros, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn "Tallinna Kaubamaja Grupp" AS u "KIA Auto" AS u Konkurences padome (il-Kunsill tal-Kompetizzjoni, il-Latvja) dwar multa imposta minħabba l-konklużjoni ta' ftehim vertikali li jipprevedi limitazzjonijiet dwar il-garanzija tal-vetturi bil-mutur.

Il-kuntest ġuridiku

3 Skont l-Artikolu 11(1) tal-Konkurences likums (il-Liġi dwar il-Kompetizzjoni), tal-4 ta' Ottubru 2001 (*Latvijas Vēstnesis*, 2001, Nru 151):

"Huma pprojbiti u nulli sa mill-konklużjoni tagħhom il-ftehimiet bejn operaturi li għandhom l-għan jew l-effett li jikkawżaw ostakolu, limitazzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni fit-territorju tal-Latvja, inkluż il-ftehimiet dwar:

[…]

7) atti (jew astensjoni) li jobbligaw lil operatur ieħor jabbanduna suq partikolari jew li jostakolaw il-wasla ta' operatur ieħor potenzjali f'suq partikolari."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

4 Kia Auto, kumpannija rregolata mid-dritt Estonjan, hija l-uniku importatur awtorizzat ta' vetturi bil-mutur tal-marka KIA fil-Latvja. Din il-kumpannija tagħżel u tapprova r-rappreżentanti awtorizzati li jikkummerċjalizzaw il-karozzi KIA u jsewwuhom fil-kuntest tal-garanzija mogħtija mill-manifattur jew l-importatur.

5 Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Awwissu 2014, il-Kunsill tal-Kompetizzjoni impona fuq KIA Auto, minħabba ksur tal-punt 7 tal-Artikolu 11(1) tal-Liġi dwar il-Kompetizzjoni, multa ta' EUR 134 514.43, li EUR 96 150.92 minnhom ġew imposti flimkien u *in solidum* fuq Tallinna Kaubamaja Grupp, il-kumpannija omm tagħha.

6 Il-Kunsill tal-Kompetizzjoni kkunsidra li KIA Auto, bħala importatur approvat mill-manifattur tal-karozzi tad-ditta KIA, kif ukoll il-konċessjonarji u s-sewwejja awtorizzati tal-karozzi tad-ditta KIA (iktar 'il quddiem ir-"rappreżentanti awtorizzati") kienu qablu dwar kundizzjonijiet ta' garanzija li jobbligaw jew jinċentivaw lill-proprjetarji tal-karozzi, sabiex ikomplu jibbenefikaw mill-garanzija tal-vetturi bil-mutur, sabiex jagħmlu mal-imsemmija rappreżentanti awtorizzati,

matul il-perijodu ta' garanzija, il-manutenzjonijiet perjodiċi kollha previsti mill-manifattur KIA u t-tiswijiet mhux koperti mill-garanzija, kif ukoll sabiex jużaw *spare parts* ta' oriġini KIA matul il-manutenzjonijiet perjodiċi u t-tiswijiet imwettqa matul il-perijodu ta' garanzija.

7 Il-Kunsill tal-Kompetizzjoni b'hekk ikkonstata l-eżistenza ta' ftehim vertikali fuq il-kundizzjonijiet ta' garanzija fi ħdan in-network KIA, ftehim li jostakola, minn naħa, l-aċċess tas-sewwejja indipendenti, barra mill-garanzija, għas-suq Latvjan matul il-perijodu ta' garanzija tas-servizzi ta' tiswija u, min-naħa l-oħra, l-aċċess tal-produtturi ta' *spare parts* indipendenti għas-suq tad-distribuzzjoni tal-imsemmija partijiet fil-Latvja, u jillimita l-kompetizzjoni bejn id-distributuri ta' *spare parts*.

8 Il-Kunsill tal-Kompetizzjoni kklassifika l-ftehim ikkonstatat bħala li jirrestrinġi l-kompetizzjoni minħabba l-effett, billi enfasizza f'dan ir-rigward li l-livell ta' prova applikabbli ma kienx jeżiġi l-prova ta' effetti reali. Fil-fatt, skont il-Kunsill tal-Kompetizzjoni, l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni jirriżultaw min-natura stess tal-klawżoli restrittivi, u ma huwiex neċessarju li jintwerew l-effetti li effettivament seħħew.

9 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikors kontra d-deċiżjoni li timponi fuqhom multa quddiem l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja), il-qorti tar-rinviju, li ċaħdet l-imsemmi rikors permezz ta' sentenza tal-10 ta' Marzu 2017.

10 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw appell ta' kassazzjoni quddiem is-Senāta Administratīvo lietu departaments (il-Qorti Suprema, Dipartiment tal-Affarijiet Amministrattivi, il-Latvja) li annullat is-sentenza tal-qorti tar-rinviju permezz ta' sentenza tat-22 ta' Diċembru 2021 u rrinvijat il-kawża quddiem din il-qorti sabiex tiddeċiedi mill-ġdid.

11 Is-Senāta Administratīvo lietu departaments (il-Qorti Suprema, Dipartiment tal-Affarijiet Amministrattivi) qieset li l-qorti tar-rinviju, meta eżaminat jekk id-deċiżjoni li timponi l-multa kinitx twassal b'mod validu għall-konklużjoni li l-ftehim kien ipprojbit minħabba l-effetti tiegħu, kienet ibbażat ruħha fuq kriterji ta' evalwazzjoni ineżatti fid-dawl ta' dawk li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-każ ta' effetti restrittivi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Suprema ddeċidiet li l-qorti tar-rinviju ma setgħetx tevalwa korrettament jekk din id-deċiżjoni kinitx suffiċjentement motivata.

12 Il-qorti tar-rinviju, filwaqt li tibbaża ruħha fuq l-osservazzjonijiet addizzjonali ppreżentati mill-Kunsill tal-Kompetizzjoni wara s-sentenza tal-Qorti Suprema, tosserva li t-tagħlim ta' din is-sentenza huwa sostanzjalment differenti minn dak tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'tali mod li l-kontenut tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett u l-livell ta' prova li jirriżulta minnha ma jistgħux jitqiesu li huma evidenti. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa neċessarju li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkjarifika l-kwistjonijiet dwar il-prova tal-akkordji minħabba l-effett.

13 B'mod partikolari, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetizzjoni, għandu jiġi adottat approċċ analogu għal dak adottat mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping) (T-612/17, EU:T:2021:763), li kienet tirrigwarda ksur tal-Artikolu 102 TFUE, għall-finijiet tal-applikazzjoni u tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u, konsegwentement, tal-Artikolu 11 tal-Liġi dwar il-Kompetizzjoni. F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata turi t-twettiq effettiv tal-konsegwenzi possibbli tal-eliminazzjoni jew tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni iżda li huwa biżżejjed li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' effetti potenzjali.

Għalhekk, mill-imsemmija sentenza jirriżulta li, fl-evalwazzjoni tal-effetti ta' ftehim fuq il-kompetizzjoni, ma hemmx lok li ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ ineżami jitnaqqsu għall-konstatazzjoni ta' effetti negattivi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu fuq il-kompetizzjoni, peress li tali approċċ jelimina *de facto* l-possibbiltà għall-awtorità tal-kompetizzjoni kkonċernata li ttemm restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni li jkunu għadhom ma pproduċewx effetti negattivi materjalment identifikabbli.

14 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-awtorità tal-kompetizzjoni għandha, skont l-Artikolu 101(1) TFUE, turi l-eżistenza ta' effetti reali u konkreti li jirrestrinġu l-kompetizzjoni (actual/real restrictive effects on competition) għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' ftehim ipprojbit li jistabbilixxi restrizzjonijiet fir-rigward tal-garanzija ta' vetturi bil-mutur, li jobbligaw jew jinkoraġġixxu lill-proprjetarji ta' vettura bil-mutur iwettqu t-tiswija u l-manutenzjoni tagħha biss ma' rappreżentanti awtorizzati tal-manifattur tal-vettura bil-mutur u jużaw il-partijiet ta' bdil oriġinali tal-imsemmi manifattur matul il-manutenzjoni perjodika sabiex il-garanzija tal-vettura bil-mutur tibqa' valida?

2) Huwa biżżejjed, skont l-Artikolu 101(1) TFUE, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ftehim imsemmi fl-ewwel domanda preliminari, li l-awtorità tal-kompetizzjoni turi biss l-eżistenza ta' effetti potenzjali li jirrestrinġu l-kompetizzjoni (potential restrictive effects on competition)?"

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

15 Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-applikazzjoni tal-Artikolu 11(1) tal-Liġi dwar il-Kompetizzjoni ma għandhiex tkun differenti minn dik tal-Artikolu 101(1) TFUE, peress li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jistabbilixxu kuntest legali, essenzjalment, analogu. Konsegwentement, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE.

16 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali adita bit-tilwima u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tittieħed, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, sa fejn id-domandi magħmula jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni (sentenza tat-18 ta' Novembru 2021, Visma Enterprise, C-306/20, EU:C:2021:935, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 Madankollu, hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha teżamina l-kundizzjonijiet li fihom hija tkun adita mill-qorti nazzjonali sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha stess (sentenza tat-18 ta' Novembru 2021, Visma Enterprise, C-306/20, EU:C:2021:935, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar it-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li fihom il-fatti fil-kawża prinċipali kienu jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni diretta ta' dan id-dritt, sakemm l-imsemmija dispożizzjonijiet ikunu saru applikabbli permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li kienet tikkonforma ruħha, għas-soluzzjonijiet għal sitwazzjonijiet purament interni, ma' dawk adottati mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Novembru 2021, Visma Enterprise, C-306/20, EU:C:2021:935, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 Tali ġurisdizzjoni hija ġġustifikata mill-interess manifest, għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li, sabiex jiġu evitati diverġenzi ta' interpretazzjoni futuri, id-dispożizzjonijiet meħuda mid-dritt tal-Unjoni jiġu interpretati b'mod uniformi (sentenza tat-13 ta' Ottubru 2022, Baltijas Starptautiskā Akadēmija u Stockholm School of Economics in Riga, C-164/21 u C-318/21, EU:C:2022:785, punt 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

20 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Artikolu 11(1) tal-Liġi dwar il-Kompetizzjoni jipprevedi kuntest legali identiku għal dak stabbilit fl-Artikolu 101(1) TFUE u li l-imsemmi Artikolu 11(1) jirċievi, fl-ordinament ġuridiku Latvjan, l-istess interpretazzjoni bħal dik mogħtija lill-Artikolu 101(1) TFUE. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE f'sitwazzjonijiet li fihom l-Artikolu 11(1) tal-Liġi dwar il-Kompetizzjoni kien japplika indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk kienx jeżisti effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2021, Visma Enterprise, C-306/20, EU:C:2021:935, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni, f'din il-kawża, fuq id-domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE.

Fuq id-domandi preliminari

22 Permezz ta' dawn id-domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 101(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru li teżamina jekk ftehim li jipprevedi limitazzjonijiet tal-garanzija tal-vetturi bil-mutur li jobbligaw jew li jinċentivaw lill-proprjetarji ta' vetturi bil-mutur li jsewwu u jagħmlulhom manutenzjoni biss mar-rappreżentanti awtorizzati tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur kif ukoll li jużaw l-i*spare parts* oriġinali tal-manifattur tal-vetturi għall-manutenzjoni perjodika sabiex il-garanzija tal-vettura bil-mutur tibqa' valida, tista' tiġi kklassifikata bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li tintwera l-eżistenza ta' effetti restrittivi konkreti u reali fuq il-kompetizzjoni, jew jekk ikun suffiċjenti li tintwera l-eżistenza ta' effetti restrittivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni.

23 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 101(1) TFUE, huwa inkompatibbli mas-suq intern u pprojbit kull ftehim bejn impriżi, kull deċiżjoni ta' assoċjazzjonijiet bejn impriżi u kull prattika miftiehma li tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li għandha bħala għan jew effett il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern.

24 Sabiex jitqies, f'każ partikolari, li ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew prattika miftiehma taqa' taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101(1) TFUE, huwa neċessarju, skont il-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni, li jintwera jew li dan l-aġir għandu bħala għan

il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, jew li dan l-aġir għandu tali effett (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, International Skating Union vs Il-Kummissjoni, C-124/21 P, EU:C:2023:1012, punt 98 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Għal dan l-għan, għandu jitwettaq, l-ewwel nett, l-eżami tal-għan tal-aġir inkwistjoni. Fil-każ fejn, fi tmiem tali eżami, dan l-aġir jirriżulta li jkollu għan antikompetittiv, ma huwiex neċessarju li jsir eżami tal-effett tiegħu fuq il-kompetizzjoni. Għaldaqstant, huwa biss fil-każ li l-imsemmi aġir ma jistax jitqies li għandu tali għan antikompetittiv li huwa neċessarju li jsir, fit-tieni lok, l-eżami ta' dan l-effett (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, International Skating Union vs Il-Kummissjoni, C-124/21 P, EU:C:2023:1012, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 L-eżami li għandu jitwettaq huwa differenti skont jekk l-aġir inkwistjoni għandux bħala "għan" jew bħala "effett" il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, peress li kull wieħed minn dawn iż-żewġ kunċetti huwa suġġett għal sistema legali u probatorja distinta (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, International Skating Union vs Il-Kummissjoni, C-124/21 P, EU:C:2023:1012, punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju, li titlaq mill-premessa, li għandha tivverifika l-fondatezza tagħha, li l-ftehim inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandux l-għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, tindika li hija għandha tevalwa jekk dan għandux effett antikompetittiv.

28 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta' aġir li għandu "effett" antikompetittiv jinkludi kull aġir li ma jistax jitqies li għandu "għan" antikompetittiv, bil-kundizzjoni li jintwera li dan l-aġir għandu bħala effett attwali jew potenzjali li jipprevjeni, jirrestrinġi jew joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, u dan b'mod sensittiv (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, International Skating Union vs Il-Kummissjoni, C-124/21 P, EU:C:2023:1012, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Għal dan l-għan, huwa neċessarju li tiġi eżaminata l-kompetizzjoni fil-kuntest reali li fih isseħħ fl-assenza tal-ftehim, tad-deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew tal-prattika miftiehma inkwistjoni (sentenzi tat-18 Novembru 2021, Visma Enterprise, C-306/20, EU:C:2021:935, punt 74, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2023, International Skating Union vs Il-Kummissjoni, C-124/21 P, EU:C:2023:1012, punt 110 u l-ġurisprudenza ċċitata), billi jiġi ddefinit is-suq jew is-swieq li fihom dan l-aġir huwa intiż li jipproduċi l-effetti tiegħu, imbagħad billi jiġu kkaratterizzati dawn tal-aħħar, kemm jekk ikunu reali jew potenzjali. Dan l-eżami jimplika huwa stess li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha.

30 L-evalwazzjoni tal-effetti ta' ftehim bejn impriżi fid-dawl tal-Artikolu 101 TFUE timplika n-neċessità li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest konkret tal-ftehim, b'mod partikolari l-kuntest ekonomiku u legali li joperaw fih l-impriżi kkonċernati, in-natura tal-beni jew servizzi affettwati, kif ukoll il-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament u tal-istruttura tas-suq jew tas-swieq inkwistjoni. Minn dan isegwi li x-xenarju kontrofattwali, previst mill-assenza tal-imsemmi ftehim, għandu jkun realistiku u kredibbli (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs Servier *et*, C-176/19 P, EU:C:2024:549, punt 341 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tippreċiża li l-istabbiliment tax-xenarju kontrofattwali għandu l-għan li jistabbilixxi l-possibbiltajiet realistiċi ta' aġir tal-atturi ekonomiċi fl-assenza tal-ftehim ikkonċernat u li jiddetermina għalhekk l-iżvolġiment probabbli tas-suq kif ukoll l-istruttura tiegħu fl-assenza ta' dan il-ftehim (sentenzi tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punt 120, kif ukoll tat-18 ta' Novembru 2021, Visma Enterprise, C-306/20, EU:C:2021:935, punt 76).

32 Madankollu, in-natura kemm realistika kif ukoll kredibbli tax-xenarju kontrofattwali ma tikkontestax il-possibbiltà li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti purament potenzjali ta' ftehim bejn impriżi sabiex jiġi stabbilit jekk jikkostitwixxix restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari li l-fatt li jiġi kkunsidrat li, meta ftehim bejn impriżi jkun ġie implimentat, ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti potenzjali ta' dan il-ftehim sabiex jiġu evalwati l-effetti restrittivi tiegħu fuq il-kompetizzjoni jikser kemm il-karatteristiċi tal-metodu kontrofattwali inerenti għall-evalwazzjoni ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett kif ukoll il-ġurisprudenza li tgħid li l-effetti li jirrestringu l-kompetizzjoni jistgħu jkunu kemm attwali kif ukoll potenzjali, iżda għandhom ikunu suffiċjentement sensittivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs Servier *et*, C-176/19 P, EU:C:2024:549, punti 345 sa 353).

33 Għalhekk huwa suffiċjenti, wara eżami xieraq tal-kompetizzjoni fil-kuntest reali fejn iseħħ fin-nuqqas tal-ftehim inkwistjoni, li jkunu jistgħu jiġu kkonstatati effetti restrittivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni li huma suffiċjentement sensittivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Mejju 1998, Deere vs Il-Kummissjoni, C-7/95 P, EU:C:1998:256, punti 77 u 78, kif ukoll tat-28 ta' Mejju 1998, New Holland Ford vs Il-Kummissjoni, C-8/95 P, EU:C:1998:257, punti 91 u 92).

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk il-Kunsill tal-Kompetizzjoni eżaminax b'mod korrett il-mod kif il-kompetizzjoni żvolġiet fil-kuntest reali fejn hija kienet isseħħ fl-assenza tal-effetti tal-ftehim inkwistjoni, billi ddefinixxiet is-swieq li fihom dan il-ftehim jipproduċi effetti u billi identifikat dawn l-effetti sensittivi, kemm jekk huma reali jew potenzjali.

35 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punti 65 u 66 tas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Post Danmark (C-23/14, EU:C:2015:651), li, sabiex tiġi stabbilita n-natura abbużiva ta' prattika eżaminata mill-perspettiva tal-Artikolu 82 KE (li sar l-Artikolu 102 TFUE), l-effett antikompetittiv tagħha fis-suq għandu jeżisti iżda ma għandux neċessarjament ikun konkret, peress li huwa suffiċjenti li jintwera effett antikompetittiv potenzjali ta' natura li jeskludi l-kompetituri li huma mill-inqas effiċjenti daqs l-impriża diġà f'pożizzjoni dominanti.

36 Għalhekk, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, kif adottata mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 28 u 33 ta' din is-sentenza, li tgħid li huwa biżżejjed li tintwera l-eżistenza ta' effetti antikompetittivi potenzjali, b'mod partikolari ta' effetti ta' natura li jostakolaw il-wasla ta' kompetituri potenzjali fis-suq, tikkorrispondi għal dik tal-Artikolu 102 TFUE adottata mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza.

37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domandi preliminari għandha tkun li l-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jobbligax lill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru li teżamina jekk ftehim li jipprevedi limitazzjonijiet tal-garanzija tal-vetturi bil-mutur li jobbligaw jew li jinċentivaw lill-proprjetarji ta' vetturi bil-mutur li jsewwuhom u jagħmlu l-manutenzjoni biss mar-rappreżentanti awtorizzati tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur kif ukoll li jużaw l-i*spare parts* oriġinali tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur għall-manutenzjoni perjodika sabiex il-garanzija tal-vetturi bil-mutur tibqa' valida, jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li turi l-eżistenza ta' effetti restrittivi konkreti u reali fuq il-kompetizzjoni. Huwa biżżejjed li din l-awtorità tistabbilixxi, skont l-imsemmija dispożizzjoni, l-eżistenza ta' effetti restrittivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni, bil-kundizzjoni li jkunu suffiċjentement sensittivi.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tagħti deċiżjoni fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jobbligax lill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru li teżamina jekk ftehim li jipprevedi limitazzjonijiet tal-garanzija tal-vetturi bil-mutur li jobbligaw jew li jinċentivaw lill-proprjetarji ta' vetturi bil-mutur li jsewwuhom u jagħmlu l-manutenzjoni biss mar-rappreżentanti awtorizzati tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur kif ukoll li jużaw l-i*spare parts* oriġinali tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur għall-manutenzjoni perjodika sabiex il-garanzija tal-vetturi bil-mutur tibqa' valida, jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li turi l-eżistenza ta' effetti restrittivi konkreti u reali fuq il-kompetizzjoni. Huwa biżżejjed li din l-awtorità tistabbilixxi, skont l-imsemmija dispożizzjoni, l-eżistenza ta' effetti restrittivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni, bil-kundizzjoni li jkunu suffiċjentement sensittivi.

Firem